# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' April 2018**

**Rikors Numru: 341/2013 CSH**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Electrical Supplies and Services Limited skond il-ligi u l-polza**

**vs**

**Jet Services Limited u John Abela Limited in solidum**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Ottubru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti *in solidum* jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u sitta u sittin centezmu (€10,385.66) rapprezentanti danni subiti mill-assigurata Electrical Supplies and Services Limited u li ghalihom giet ikkumpensata mis-socjeta' attrici li ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Electrical Supplies and Services Limited, liema danni jikkonsistu fi hsarat fuq konsenja ta' *light fittings* li s-socjetajiet konvenuti kienu inkarigati bil-garr taghhom f'Lulju 2012 u li ghal tali hsarat huma responsabbli;

Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjetajiet konvenuti li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Jet Services Limited li giet prezentata fl-20 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi preliminarjament jinkombi fuq is-socjeta' rikorrenti taghmel prova tal-hsarat, kif ukoll tal-kawza tal-hsarat, u fejn dawn graw, u minn min gew kagunati;*
2. *Illi l-esponenti kienu inkarigati mir-rikorrenti sabiex igorru l-merkanzija de quo mill-Italja sa Malta a bazi tal-kundizzjonijiet CMR [Kap.486], u ma inghatawx xi gharfien partikolari jew informazzjoni specifika dwar il-merkanzija;*
3. *Illi l-esponenti rrilaxxaw il-merkanzija lill-kumpanija John Abela Limited u dawn ta' l-ahhar iffirmaw li rcevew il-merkanzija fi stat tajjeb;*
4. *Illi ghalhekk l-esponenti fl-ebda hin u stadju ma ghamlu danni konsistenti fi hsarat ta' light fittings waqt il-garr taghhom;*

*Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited li gietipprezentata fis-26 ta' Marzu, 2014 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti kienet inkarigata mis-socjeta' Electrical Supplies and Services Ltd u minn Jet Services Limited sabiex iggorr merkanzija mill-Italja sa Malta u sussegwentement ghal ghand is-socjeta' Electrical Supplies and Services Ltd gewwa Malta u s-socjeta' esponenti segwiet l-inkarigu taghha billi trasportat u waslet il-merkanzija fl-istess stat li hija kienet ircevietha;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova li l-merkanzija li fuqha tallega li sehhew id-danni kienu jappartjenu lilha jew lill-awturi taghha;*
4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti mhijiex risponsabbli lejn is-socjeta' attrici jew l-awturi taghha stante li jekk jirrizulta li huwa minnu li l-merkanzija in kwistjoni giet ikkawzata danni fuqha, dan sehh konsegwenza ta' forza magguri (irresistible force ossija fortuitous event) u/jew fatti ohra li s-socjeta' esponenti la kellha kontroll fuqhom u wisq anqas setghet tevita, u dan ai termini ta' Artikolu 23 tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), inkorporta f'Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini ta' Artikoli 1134 u 1029 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-ftehim relattiv ghall-garr tal-merkanzija in kwistjoni kienet inkorporata l-Konvenzjoni CMR li f'kwalunkwe kaz tillimita r-responsabbilta tas-socjeta' esponenti u ghalhekk ir-responsabbilita' tas-socjeta' esponenti ma ghandhiex tissupera l-limiti imposti minn Artikolu 23 ta' l-imsemmija Konvenzjoni;*
6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici jew l-awturi taghha ghandhom igibu l-prova li tali merkanzija kienet stivata f'packaging adekwat, tenut kont it-tragit li l-istess merkanzija kellha taghmel, u dan ai termini ta' Artikolu 17(4)(b) u Artikolu 18 (2) tal-Konvenzjoni CMR;*
7. *Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi";*

*Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-istess."*

**John Galdes** xehed fis-7 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *senior manager* fi hdan is-socjeta' attrici. Huwa tenna li l-assikurat taghhom in konnessjoni mal-kawza odjerna kienet is-socjeta' Electrical Supplies and Services Limited, u l-polza taghhom hija dik maghrufa bhala Cargo Insurance, u din tkopri x-shipments tal-konsenji taghhom minn pajjizi barranin ghal Malta. Huwa spjega li fil-kaz in kwistjoni kellhom konsenja ta' *light fittings.* Fl-1 ta' Awwissu 2012 gew notifikati li kellhom xi hsarat. Huma bdew l-investigazzjoni taghhom u rrizulta li din il-konsenja ta' *light fittings* kienet waslet Malta fit-30 ta' Lulju 2012 u l-konsenja giet mill-Italja ghal Malta. Is-supplier kien AEC Illuminazione Italia. Mill-investigazzjoni li ghamlu rrizulta li l-klijent taghhom kien qabbad is-socjeta' Jet Services Limited u dan sabiex jigbor il-konsenja minn AEC Illuminazione gewwa l-Italja u sahansitra jwassalhom hawn Malta ghand il-klijent.

Huwa esebixxa *cargo receipt* li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH u minn ezami tal-istess jidher li hemm endorsjati l-hsarat. Huwa esebixxa wkoll *claim form* li gie mmarkat bhala Dokument CSH1, liema *claim form* giet mimlija mill-assikurat taghhom. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-invoice relattiva li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH2 fejn hemm indikat li l-merca in kwistjoni kienu jikkoncernaw Led Lights. Huwa esebixxa wkoll *packing list* li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH3, *notice of arrival* ta' Jet Services Limited li gie mmarkat bhala Dokument CSH4 kif ukoll CMR *note* li gie mmarkat bhala Dokument CSH5.

Ix-xhud tenna li in segwitu huma kienu ghamlu *survey* dwar il-merkanzija li effettivament kienet waslet hawn Malta. Din is-*survey* sar *in-house* minn

impjegat taghhom, u esebixxa kopja tas-*survey report* relattiv rilaxxat minn Clint Farrugia. Dan ir-rapport gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH6. Wara li lestew l-investigazzjonijiet taghhom u kienu konvinti li kien hemm *claim* li ghandha tithallas bil-polza huma fil-fatt innegozjaw is-*salvage value* dwar il-konsenja u dan fl-ammont ta' ghoxrin fil-mija mal-assikurat u effettivament spiccaw hallsu l-ammont ta' €10,385.66. Huwa esebixxa l-*workings* relattivi li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH7 li abbazi taghhom huma waslu ghas-somma li huma effettivament taw lill-assikurat taghhom kif ukoll is-*subrogation form* relattiva li hija mmarkata bhala Dokument CSH8.

Ix-xhud tenna li wara huma zammew investigazzjonijiet ulterjuri u rrizultalhom li l-klijent Electrical Supplies and Services Limited kien qabbad is-servizz tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited u ghalhekk il-kuntratt ta' bejn is-socjeta' Electrical Supplies and Services Limited kienet saret ma' Jet Services Limited. In segwitu s-socjeta' Jet Services Limited jew rapprezentant tieghu l-Italia gabar il-konsenja minghand AEC Illuminazione, u l-merca in kwistjoni kienet ser tkun *groupage* u ghalhekk il-konsenja in kwistjoni marret go *depot* l-Italja u dan gie stakkjat hemmhekk mis-socjeta' Jet Services Limited jew rapprezentant taghhom. Sa fejn huwa nfurmat ix-xhud, is-socjeta' Jet Services Limited qabdet lis-socjeta' John Abela Limited sabiex tigbor it-*trailer* mid-*depot* taghhom u jsuqu lejn Malta. Huwa kkonferma li relazzjoni diretta bejn is-socjeta' attrici u John Abela Limited ma kienx hemm.

Ghalhekk in segwitu huma tkellmu mal-avukat taghhom u kitbu ittra liz-zewg socjetajiet konvenuti u cioe' lis-socjeta' Jet Services Limited kif ukoll lil John Abela Limited u zammhom it-tnejn responsabbli. Huwa esebixxa kopja tal-ittra li huma baghtu lil dawn iz-zewg socjetajiet konvenuti li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH9. In segwitu jaf li huma zammew inkontru mas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited u dan kien fit-30 ta' Mejju 2013. Huwa esebixxa in segwitu ritratti li gew moghtija lilhom mis-socjeta' Jet Services

Limited dakinhar stess rigwardanti l-kaz inkwistjoni, u dan gie mmarkat bhala Dokument CSH10. Minn ezami ta' dawn ir-ritratti jirrizulta bic-car li fi *shrink wrapping* tal-merca kien hemm miktub AEC Lighting u spjega li dawn ir-ritratti ttiehdu waqt li l-konsenja in kwistjoni kienet ghadha fit-*trailer* u ghalhekk enfasizza li l-klijent taghhom, ircieva din il-merkanzija bil-hsarat. Kien hemm ukoll xi numru ta' kaxxi miftuha kif murija f'dan it-*trailer* fir-ritratt inserit fl-atti. Ir-ritratti juru li l-oggetti in kwistjoni gew mghaffgin bil-maniera ta' kif gew stakkjati. Waqt din il-laqgha li huma kellhom mas-socjeta' Jet Services Limited huma gew infurmati li s-socjeta' Jet Services Limited kellha f'idejha *delivery order* iffirmata minn John Abela Limited u filfatt esebixxa kopja taghha li giet immarkata bhala Dokument CSH11 fejn rapprezentant tas-socjeta' John Abela Limited kienet qed tiffirma li hija rceviet il-merkanzija in *good order and condition.*

In segwitu abbazi ta' l-istess l-avukat taghhom kiteb lil John Abela Limited fil-31 ta' Mejju 2013 u esebixxa kopja ta' din il-korrespondenza li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH12. Is-socjeta' konvenuta John Abela Limited permezz tal-avukat taghhom Dr Jonathan Abela wiegbet ghal din il-korrespondenza u esebixxa kopja ta' din l-ittra li rcevew u li giet immarkata bhala Dokument CSH13 u ghal darb'ohra l-avukat taghhom permezz ta' *email* wiegeb ghal din l-ittra u esebixxa kopja taghha u giet immarkata bhala Dokument CSH14 u f'din l-istess *email* datata 18 ta' Lulju 2013 huwa kien talab prova dokumentarja tal-kwalita' tal-merkanzija meta giet f'idejn John Abela Limited. Ghal darb'ohra l-avukat tax-xhud rega' baghat ittra li giet immarkata bhala Dokument CSH14 u kopja taghha giet mibghuta kemm lil John Abela kif ukoll lil Jet Services Limited fil-11 ta' Ottubru 2013 u effettivament din l-ittra hija mmarkata bhala Dokument CSH15. Huwa ddikjara li peress li l-ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti ma accettat it-tort huma pprocedew kontra z-zewg kumpaniji.

**John Galdes rega** xehed fl-4 ta' Frar 2015 fejn iddikjara li l-klijent taghhom kien infurmah li l-kuntratt tieghu kien mas-socjeta' Jet Services Limited. Skont l-informazzjoni moghtija lix-xhud mill-klijent, il-merkanzija in kwistjoni kellha tigi trasportata sal-bieb tieghu. Huwa qal ukoll li parti mill-investigazzjoni li zammew huma kienet fost affarijiet ohrajn laqgha li zammew mas-socjeta' Jet Services Limited u hadd ma kien infurmah li effettivament is-sitwazzjoni ma kinitx kif ghadu kif semma. Naturalment huma kienu mxew skont l-informazzjoni moghtija lilhom mill-klijent. Id-dokumentazzjoni kollha li kellu relatata mal-kaz hija dik ezebita fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Mejju, 2014.

Ix-xhud saritlu referenza ghal dokument ezebit fl-atti a fol. 25, li huwa *notice of arrival*. Mistoqsi jghid jekk jidhirx li effettivament ma hemmx indikat li l-merkanzija kellha tasal sal-bieb tal-klijent qal li huwa ma jifhimx f'din id-dokumentazzjoni. Huwa tenna li hawnhekk hawn biss *charge* ghal *foreign haulage* u hemm *charge* iehor ghal *local charges*. Pero' stqarr illi ma jafx x'inhuma dawn ic-*charges* lokali ghalkemm tenna li m'hemmx dubju li jinkludu l-*freight*. Mistoqsi jekk kienx jaf illi s-socjeta' kjamata in kawza John Abela kinitx involuta f'dan il-kaz qal illi iva jaf u filfatt skont l-informazzjoni li ghandu, s-socjeta' Jet Services kienet qabdet is-socjeta' John Abela Limited sabiex tigbor merkanzija minn gewwa l-Italja u twassalha Malta. Mistoqsi jekk effettivament kinitx is-socjeta' Electrical Services Supply direttament li qabdet lil John Abela Limited u mhux Jet Services Limited wiegeb illi ma jafx dwar dan. Anzi jghid li ma jahsibx li huwa hekk u dan ghaliex qed jghidu ghax jekk Jet Services qabdet lil John Abela Limited biex tigbor merkanzija mill-Italja l-prassi kienet tkun li John Abela Limited kienet tkun obbligata li titrasferixxi l-merkanzija sal-klijent sal-ahhar. Huwa ddikjara li ma kienx jaghmel sens kieku li l-affarijiet jitwasslu sa Jet Services u mbaghad Jet Services twassalhom ghand il-klijent. Mistoqsi jekk jafx illi John Abela Limited huwa l-burdnar lokali tas-socjeta' Electrical Services Supply wiegeb illi ma jafx.

Ix-xhud ikkonferma pero' illi dan kien *groupage container* u ghalhekk kien hemm oggetti ta' klijenti ohrajn fih. Ghalhekk meta l-oggetti waslu ghand il-klijent taghhom jimmagina li waslu l-oggetti tieghu biss. Huwa gie muri dokument esebit fl-atti a fol 29 tal-process. Spjega li dan id-dokument huwa parti minn *survey report* li ghamel impjegat ta' Gasan and Mamo liema *survey report* jinsab esebit fl-atti. Dawn ir-ritratti gew mehuda mis-*surveyor* tax-xhud meta l-merkanzija waslet ghand il-klijent. Huwa ddikjara li l-probabilta' hi li s-*survey report* sar f'*premises* tal-klijent taghhom Electrical Services Supplier. Huwa ghamel referenza a fol. 40 tal-atti u fejn hemm il-firma ta' John Abela li huwa rcieva l-merkanzija minghand Jet Services f'kundizzjoni tajba u sostna li kien ghalhekk li fethu l-kawza kontra t-tnejn li huma. Dan ghax minkejja li hemm dan id-dokument fil-fehma taghhom il-hsara saret *in transit* meta l-oggetti kienu f'*container in storage.*

Rat l-affidavit ta' **Clint Farrugia** li gie pprezentat fis-seduta tal-4 ta' Gunju, 2014 fejn iddikjara li huwa ghandu l-kariga ta' *claims negotiator* mal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Limited. Huwa spjega li fl-1 ta' Awwissu 2012 ircieva *email* minghand is-socjeta' assikurata maghhom Electrical Supplies and Services Limited fejn infurmahom li l-konsenja konsistenti minn 121 *light units* fuq 6 *pallets* kienet garrbet diversi hsarat waqt il-garr. Fis-6 ta' Awissu 2012, ircieva l-*claim form* minghand is-socjeta' assikurata u x-xhud ftihem mas-socjeta' assikurata maghhom li l-ghada jmur fuq il-post sabiex issir *survey* tal-konsenja li garrbet il-hsarat. Ghalhekk fis-7 ta' Awissu 2012 ghamel is-*survey* in kwistjoni u sussegwentement hejja s-*survey report* relattiv li hu pprezentat mal-affidavit bhala Dok. CF1, li l-kontenut tieghu ikkonfermah bil-gurament.

Rat in-nota ta' GasanMamo Insurance Limited li giet ipprezentata fit-2 ta' Lulju 2014 li permezz taghha esebiet affidavit ta' Duncan Agius b'sitt dokumenti annessi mieghu.

Rat l-affidavit ta' **Duncan Agius** prezentat fit-2 ta Lulju, 2014 seduta stante fejn ddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpanija Electrical Supplies and Services Limited. Huwa spjega li f'Lulju 2012, huma kienu nkarigaw lill-kumpanija Jet Services Limited sabiex iggorr konsenja merkanzija konsistenti f'121 *light fittings* li kellhom jigu Malta mill-Italja. Il-konsenja in kwistjoni kellha valur komplessiv ta' €71,390 (Dok. DA1). Il-ftehim kien illi l-merkanzija tingabar minghand is-*supplier* tas-socjeta' tax-xhud li huwa AEC Illuminazione SRL, tingarr gewwa *groupage container* u titwassal ghandhom gewwa l-*warehouses* tal-kumpanija taghhom. Ix-xhud tenna li minn naha ta' Jet Services Limited, huma kienu nkarigaw lill-kumpanija John Abela Limited sabiex tiehu hsieb parti mill-garr in kwistjoni (Dok. DA2). Huwa stqarr illi ma kinitx l-ewwel darba li nkarigaw lil Jet Services Limited sabiex igorru l-merkanzija taghhom anzi kienu ilhom jinkarigawhom xi sitta jew seba' snin.

Ix-xhud iddikjara illi fil-fatt il-konsenja kienet ingabret minghand is-*suppliers* taghhom izda meta waslet Malta fl-ahhar ta' Lulju 2012 (Dok. DA3), skoprew illi diversi *pallets* kienu mghaffgin minhabba l-fatt li l-istivar tal-*groupage container* kien sar b'tali mod li tpoggew *pallets* tqal hafna fuq *pallets* ohrajn li kienu ehfef u bil-konsegwenza ta' hekk il-*pallets* ta' taht tghaffgu u l-kontenut garrab il-hsarat. Huwa tenna li l-*packages* li garrbu l-hsarat kellhom *shrink wrapping* fuqhom li kien juri li kienu oggetti tal-*lighting* u filfatt fix-*shrinkwrap* kellu miktub il-kliem "AEC Light".

Meta l-konsenja waslet ghandhom, huma mill-ewwel innutaw li kien hemm il-hsarat minhabba li l-*pallets* kienu jidhru mghaffgin minn barra. Huma fethuhom u sabu illi minn konsenja ta' 121 LED *light fittings* kien hemm 20 *light fittings* li garrbu l-hsarat, liema *light fittings* kienu intizi sabiex jintuzaw gewwa t-Terminal tac-Cirkewwa u kienu jiswew hafna flus. Fil-fatt huma ghamlu notament dwar dan fuq il-*cargo receipt* (Dok. DA4).

Ix-xhud spjega illi peress illi l-konsenja in kwistjoni kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni ma' GasanMamo Insurance Limited, huma nfurmaw lill-assikurazzjoni li kienu garrbu l-hsarat u huma min-naha taghhom baghtu rapprezentant sabiex jara l-hsarat. Nel frattemp huwa kiteb lil Jet Services Limited fejn zammhom responsabbli ghall-hsarat li garrbu (Dok. DA5).

Huma gew ikkumpensati mis-socjeta' GasanMamo Insurance Limited bis-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u hamsa u tmenin ewro u sitta u sittin centezmu (€10,385.66) (Dok. DA6).

**Duncan Agius** xehed fl-10 ta' Gunju, 2015 u spjega illu huma ghandhom kumpanija ta' mpurtaturi ta' oggetti tal-elettriku. Joperaw taht l-isem Elettrical Supplies and Services Limited. B'referenza ghall-affidavit li rrilaxxja li jinsab ezebit fl-atti a fol 53 tal-process jghid li kien qabbad lil Jet Services bhala *freight forwarding company*, pero' separatament *freight forwarding company* qabdu l-burdnari lokali taghhom direttament. Ghalhekk huma kienu qabdu lis-socjeta' John Abela Limited mhux tramite s-servizzi ta' Jet Services Limited izda direttament, John Abela Limited.

Ghalhekk b'referenza ghal dak li qal fit-tielet paragrafu tal-affidavit tieghu ma kinitx is-socjeta' Jet Services Limited li nkarigat lil John Abela Limited izda huma personalment. Muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol. 20 tal-process, jaghraf il-firma fuq il-parti t'isfel taghha bhala rapprezentant tal-istores taghhom, certu Victor Caruana. Jghid li effettivament Victor Caruana jkun iffirma dan id-dokument fil-*warehouse* taghhom wara li jkun ircieva l-merkanzija tramite John Abela services liema merkanzija tkun ingabret mill-*warehouse* ta' Jet Services Limited mill-*bond stores* taghhom. Naturalment Victor Caruana ffirma suggett ghan-notament li hemm indikat fuqha ndikata bl-isfar.

Saritlu referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol 40. Mistoqsi ghaliex effettivament il-firma ta' Victor Caruana ma tinsabx fuq dan id-dokument jghid li effettivament dan id-dokument a fol. 40 jirrifletti x-xoghol li ngabar mill-burdnar u dan qed jghidu peress li qed jaghraf il-firma tal-burdnar. Id-dokument l-iehor fol. 20 jirreferi ghal xoghol li wasal fil-*warehouse* taghhom. Naturalment dan hu x'jahseb hu. B'referenza ghad-dokument DA2 esebit u anness mal-affidavit tieghu hemm referenza ghall-isem John Abela Services. Din hija s-socjeta' li tintuza minn Jet Services biex jghabbu l-merkanzija tal-klijenti tal-Jet Services barra minn Malta. Mistoqsi jekk il-merkanzija li tghabbiet minn barra ingiebx ghandu fl-istess *trailer* TR853 jghid illi wara li qed jara d-dokumenti esebiti fl-atti a fol. 20 u fol. 40 tal-process, l-karti hekk jindikaw. Ma jistax jikkonferma jekk f'xi mument ix-xoghol inhattx jew it-*trailer* inbidilx. Mistoqsi jekk is-*supplier* tieghu nformahx fejn ikun ghabba l-merkanzija tieghu u cioe' referenza ghan-numru tal-*container* iwiegeb mhux normali salv jekk ikun hemm xi ncident bhal dan. Il-bqija f'dak l-istadju ma jkun hemm l-ebda rilevanza. Mistoqsi sabiex jivverifika jekk effettivament din il-merkanzija ingabritx minn barra minn Malta u twaslet fl-istess *trailer* jghid li ried naghmel il-verifiki tieghu l-ufficcju.

Mistoqsi jekk rax il-merkanzija meta waslet ghandhom jghid li iva effettivament kien raha. Jghid li effettivament il-*pallets* tghabbew fuq xulxin, bil-piz l-affarijiet nizlu u l-kartun tghawweg. Jghid li kien hemm *pallet* zghir bi piz sostanzjali fuqu li kkawza l-hsara. Jekk kien hemm hamsin *light fitting* fuq il-*pallet* m'inix ezatt qed naghti ezempju. Fethuhom kollha wahda wahda biex jivverifikaw fejn kien hemm il-hsara u jekk mhux sejjer zball l-hsara rrizultat li kienet fuq wiehed u ghoxrin minnhom. Li jirrizulta huwa li l-*pallet* iz-zghir in segwitu gie mghobbi fuq il-*pallet* il-kbir, iz-zghir kellu aktar piz mill-*pallet* il-kbir. Ghalhekk grat il-hsara li grat. Mistoqsi kif meta waslet il-merkanzija l-*pallet* iz-zghir kienx ghadu fuq il-kbir jghid li hekk jahseb u jekk mhux sejjer

zball, Jet Services setghu marru hadu xi ritratti wkoll dak il-hin. Il-*light fittings* in kwisjtoni kienu xi LEDs. Mistoqsi jekk jistax ibiddel il-bozza partikolari minghajr il-*casing* jew irrid ibiddilhom it-tnejn f'daqqa jghid li jrid jivverifika x'tip ta' *fitting* kien. Mistoqsi jekk il-bozoz kien hemmx inqas hsara jghid li effettivament kien hemm ukoll tkissir. Effettivament jghid li wahda dahlet go l-ohra mill-*glass frames*.

Illi fl-1 ta' Lulju, 2015 rega' xehed **Duncan Agius**. Jghid li in segwitu tax-xhieda li kien ta fl-10 ta' Gunju 2015 ghamel xi verifiki. Jispjega li ghal dan ix-*shipment* partikolari l-Jet Services kienet hatret kumpanija ohra maghrufa bhala Tosca North, u kienet hi li gabret ix-xoghol mill-*manufacturer* taghhom w haditu fil-*warehouse* tar-rapprezentant tal-Jet Services gewwa Milan. Effettivament ghalhekk ma kinitx l-Alfaran li gabret ix-xoghol. Dwar il-*fittings* mertu tal-kawza jghid li whud minnhom ghandhom il-*parts* li jistghu jinxtraw b'mod separat. Pero' l-ispiza magguri f'dan kollu huwa fit-*testing* ghaliex huma ma jistghux jiehdu r-riskju li jaghmlu *street lighting* u sussegwentement jirrizulta li hemm xi *default*. Mistoqsi jekk effettivament il-pallet in kwistjoni, li gie mghaffeg, kellux xi ndikazzjoni li ma kienx *non stackable* jew li kien *fragile*, jghid illi ma jistax jghid jekk kienx immarkat jew le. Eesebixxa kopja jew ahjar ritratt tal-pallet in kwistjoni li l-Qorti mmarkat bhala Dokument DA. Mistoqsi jekk jinfurmawx lis-*supplier* taghhom dwar tragitt tal-prodott li ghandu jasal hawn Malta minhabba kwistjonijiet ta' *stacking*, jghid illi mhux f'kull kaz jigri hekk.

Zied li l-*manufacturers* ikunu jafu li effettivament il-prodott ikollu jispicca hawn Malta. Qal li ghalih din il-kwistjoni hija wahda ta' *shipment* normali u ghalhekk m'ghamilx xi *specifications* partikolari. Kompla li jista' jkun li tkellmu bejniethom il-*manufacturing transport company* u li huma dil-kwistjoni ma jidhlux fiha. Spjega li effettivament hemm min jimmarka li l-prodott ikun fragli. Meta gie muri fol. 36 tal-atti jghid li effettivament jekk thares lejn ir-

ritratt kif inhu tinduna li sinjal *this way up,* pero', jkompli jispjega, l-pakkett ghandu erba' kantunieri. Jikkonferma li dan huwa l-istess ritratt bhal dak li kien ghadu kif esebixxa li gie mmarkat DA, fejn hemm indikat li effettivament il-prodott kien *light,* dwal. Inoltre jikkonferma illi l-pallet in kwistjoni kien *shrink wrapped*.

Jghid li din m'hijiex l-ewwel darba li huma nkarigaw lil Jet Services Limited biex igorrulhom din it-tip ta' merkanzija, anzi jghid li fil-fatt jinkarigawhom b'mod regolari.

**Olvin Galea** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Jet Services Limited xehed fid-19 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *managing director* mas-socjeta' Jet Services Limited u qal illi s-socjeta' tieghu hija nkarigata minn *freight forwarding* u *logistics*. Huwa stqarr illi l-kumpanija Electric Supplies and Services Limited huwa klijent regolari taghhom u kien jinkarigah sabiex igibulu xi xoghol mill-Italja u dan sal-mahzen taghhom hawn Malta. Ix-xoghol gabuhulu u qal li dan inkariga s-socjeta' l-ohra sabiex jaghmillu *clearance* u jigbor ix-xoghol mill-mahzen taghhom sal-istabbiliment tieghu. Ix-xoghol mill-mahzen taghhom hareg tajjeb hekk kif iffirmat mis-socjeta' li huwa qabbad u wara jidher li nqalat xi problema li nstabu xi hsarat.

Huwa spjega li effettivament fil-kumpanija konvenuta John Abela Limited kienet giet imqabbda direttament mill-klijent u mhux minnu u din kienet inkarigata sabiex tigbor il-merkanzija mill-mahzen tax-xhud u jehodha ghandu. Huwa tenna illi meta x-xoghol wasal fil-mahzen taghhom huma kienu baghtu *notice of arrival* lill-klijent. Sussegwentament il-klijent jibghat rapprezentant tieghu hu min hu fil-mahzen tax-xhud u dan qabel ihallas l-ispejjez taghhom. Dan imur jara l-merkanzija fil-mahzen tax-xhud, jivverifika dak li effettivament ser jigbor u jekk jaqblu illi l-konsenja hija *in good order and condition*

jiffirmawlhom u jekk ma jaqblux naturalment ma jiffirmawx u l-kwistjoni tibda minn hemm.

Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-atti a fol 40 tal-process. Huwa stqarr illi bazikament meta huma gew imhallsa huma jaghtu lill-klijent *delivery order* u biha jmur il-mahzen taghhom, abbazi taghha ssir l-ispezzjoni u r-*release* u fuqha hemm miktub illi effettivament John Abela Limited irceviet il-merkanzija *in good order and condition* u ghalhekk il-merkanzija minn ghandhom telqet u l-kompitu taghhom waqaf hemmhekk. Huwa gie muri dokument iehor esebit fl-atti a fol 20 u qal illi dan huwa dokument *cargo receipt* fuq *letter head* taghhom. Dan id-dokument johrog biss meta jaghmlu d-*delivery* taghhom li f’dan il-kaz ma kienx validu ghax m’ghamlu l-ebda *delivery* u xtaq jghid ukoll li din il-kitba fuq dan id-dokument ma giex miktub minnhom. Huma m’ghandhom l-ebda persuna Victor impjegata maghhom. Il-kitba li hemm fuq dan id-dokument m’huwiex taghhom u lanqas il-firma. Il-merkanzija giet migbura mill-mahzen taghhom minghand persuna bl-isem ta’ T. Abela kif iffirmat fid-dokument ghan-nom tas-socjeta’ John Abela Limited.

Mistoqsi x’ghandu xi jghid dwar ix-xhieda moghtija minn John Galdes ghan-nom tas-socjeta’ attrici qal li effettivament dik id-dikjarazzjoni li semma hu saret minn persuna ohra mhux minnhom u mhux impjegat taghhom lanqas. Huwa stqarr illi f’dan il-kaz is-socjeta’ John Abela Limited gie mqabbad direttament mis-socjeta’ ESS biex jitla’ l-mahzen taghhom u jiehu x-xoghol. Ir-relazzjoni taghhom kienet biss mal-ESS, kienet tieqaf meta x-xoghol gie rilaxxjat minn ghandhom. Huwa stqarr illi dan il-klijent jimporta maghhom kemm *cables* tad-dawl li jghaddu minn taht it-toroq u l-aktar LED fina li wiehed jista’ jimmagina u ghalhekk ix-xoghol huwa varjat hafna. Huma ghalhekk jiccargjawh skont il-*weight* u l-*cubic metres*. Din il-konsenja partikolari kienet tikkonsisti f’diversi paletti ssiljati bojod. Huma qatt ma gew infurmati li kienet tikkonsisti f’xi merkanzija partikolari. Mistoqsi min gabar il-

merkanzija mill-Italja wiegeb li jassumi li kien l-agent tax-xhud. Ikun l-agent taghhom li jkun ghamel l-istivar fil-*container*. L-invoice li huwa hareg filfatt turi li huwa ma ccargjax transport mill-mahzen sal-istabbiliment taghhom. Dan jista' jigi kkonfermat ukoll mill-klijent.

Ix-xhud cahad dak li qed jigi suggerit lilu li l-ftehim kien tali li huma kellhom jaghmlu *delivery* tal-merkanzija sal-klijent. Il-*cargo receipt* tinhareg dejjem pero' meta x-xoghol ma jigix konsenjat minnhom lill-klijent, tieqaf il-kwistjoni fuq id-*delivery order* ghaliex una volta tigi tirtira l-merkanzija l-kaz ikun spicca. Dak id-dokument l-iehor jintuza meta huma x-xoghol jigi minn ghandhom u jigi mehud ghand il-klijent. Huwa stqarr illi John Abela Limited pero' gieli gie mqabbad bhala burdnar taghhom. Mistoqsi x'dokument huma jiffirmaw meta John Abela Limited jigbor il-merkanzija minn ghandhom wiegeb li l-*operator* taghhom Vince Micallef kien prezenti meta gie rilaxxjat ix-xoghol. Ghandhom ix-xoghol ma jinfetahx. Naturalment meta x-xoghol ikun bil-*packing* ihalluh bil-*packing* li jircevuh.

Ix-xhud iddikjara li John Abela Limited filfatt minn ghandhom gabar biss dak ix-xoghol li kien tal-klijent. Pero' ma jiftakarx jekk effettivament huma kienu qabbduh biex jigbor xi xoghol ta' xi klijent iehor dakinhar. John Abela filfatt kien jirtira minn ghandhom dak li ffirma ghalih fid-dokument. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *pallets* ohra mghobbija fuq dan il-*pallet* in kwistjoni qal li ma jafx pero' ma kellux ordni huma li dawn il-*pallets* kellhom ikunu *unstackable*. L-agent taghhom ma jibghatilhomx dokumentazzjoni kif effettivament ghabba l-*container*, ikollhom biss informazzjoni dwar xiex effettivament bhala kontenut ikun hawn. Huwa gie muri fol. 29 tal-atti. Dan huwa ritratt jahseb hu tal-oggetti kif kienu mghobbija minn barra fit-*trailer*. Pero' dwar dan mhux cert. It-*trailer* mhux tieghu, proprjeta' ta' John Abela Limited.

In ri-ezami xtaq jghid illi John Abela Limited huma burdnara hawn Malta u huma wkoll burdnara taht il-*trucking company* gewwa l-Ewropa. Huma hafna drabi jillisjaw it-*trailers* minghand John Abela Limited fl-Ewropa, huma jmorru ghand l-agent taghhom u jgibu x-xoghol Malta, pero' mbaghad ix-xoghol jasal hawn Malta, johduh f'idejhom, ihottuh huma u jaghmluh fil-mahzen taghhom u f'dan il-kaz ghalhekk John Abela Limited ma kienx imqabbad maghhom bhala trasportaturi taghhom hawn Malta izda internazzjonali.

**Olvin Galea in rapprezentanza ta' Jet Services Limited** in kontro-ezami xehed fis-7 ta' Lulju, 2015. Beda billi kkonferma li s-socjeta' ESS hi klijenta taghhom, u qal li dawn fil-fatt jimportaw diversi oggetti dwar l-elettriku minn bozza, fittings u *part* ta' taht l-art. Mistoqsi x'dettalji jtihom il-klijent meta huma jgorrulu l-merkanzija tieghu, jghid li certi klijenti jitolbuhom *quote* qabel, jispecifikawlhom x'tip ta' xoghol hu. Naturalment imbaghad huma jtuhom il-*quotation* relattiva w sussegwentement jekk il-klijenti joghgobhom il-prezz ikomplu ghaddejjin. F'dan il-kaz jaf li s-socjeta' ESS qaltilhom biex imorru jigbrulha x-xoghol minghand is-supplier taghha, pero' cahad li qalulhom li kienu *light fittings*. Mistoqsi jekk isibux differenza bejn *stackable* u *non stackable* goods jghid li naturalment hemm differenza kbira. Jghid li huma jithallsu skont il-volum u l-piz. Spjega li naturalment jekk ikollok pallet li tkun *stackable* inti tkun tista' tghabbi fuqha filwaqt li jekk hija *non stackable* inti tiehu l-gholi tat-trailer u ticcargja l-klijenti tat-*trailer* ghaliex ma tkun tista' tpoggi xejn fuqu. Jghid li huma ghandhom jigu nfurmati peress li l-prezz huwa differenti. Zied li f'dan il-kaz l-ESS ma qaltilhomx jekk il-merkanzija kinitx *stackable* jew le u ghalhekk dan ix-*shipment* tqies bhala wiehed normali, cioe' *stackable*. Qal ukoll li xi drabi l-klijent ma jinfurmahomx li effettivament il-merkanzija tkun *non stackable,* pero' sussegwentement huma jsibu li l-merkanzija tkun *non stackable* u konsegwentement jinformaw lill-klijent, pero' sostna li f'dan il-kaz ma kien hemm xejn li jindika li ma kinitx *non stackable*.

Ix-xhud gie muri ritratti ezebiti f'dan il-process a fol. 86 tal-atti w jghid li f'dan il-pakkett m'hemm xejn li jindika li m'huwiex *stackable*. Kompla li solitament ikun hemm indikazzjonijiet ohra - bhal per ezempju *handle with care*. Gie muri wkoll dokument ezebit fl-atti a fol. 36 u dwar dan jghid li jekk tara l-kartun hemm sinjal izda dana kien mghotti u ghalhekk huma ma setghux ikunu jafu bih. Jekk tghabbietx il-merkanzija fuq din il-pallet jew le pero' ma setax jghid u lanqas ma kien jaf min garr il-merkanzija partikolari tal-ESS barra minn Malta. Cahad li huma kellhom relazzjoni ma' John Abela Limited f'dan il-kaz anzi zied li ma tawh l-ebda nkarigu ta' xejn. Qal li l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta fuq *container groupage* tal-Alfaran u spjega li f'dan il-kaz l-Alfaran effettivament kien ha *container* vojt gewwa d-Depot taghhom Milan.

Kompla li l-agent tieghu qabbad *trailer*, l-Alfaran mar jiffirma s-CMR u ha t-*trailer* u gabulhom Malta fil-mahzen taghhom issiggillat. Jghid pero' li l-Alfaran huwa biss inkarigat biex igorr il-merkanzija, mhux biex jghabbi. Stqarr li l-Alfaran hi maghrufa bhala John Abela Limited. Jghid li r-relazzjoni tieghu kienet mal-ESS. Meta l-merkanzija waslet hawn Malta kienet is-socjeta' ESS li qabbdet lil John Abela Limited sabiex iggorr il-merkanzija taghha mid-Depot ta' Jet Services Limited ghal ghandhom. Ikompli li effettivament kienet John Abela Limited li gabret il-merkanzija hawn Malta minn ghandhom u haditha ghand l-ESS, pero' ma jiftakarx jekk hadhiex l-istess *trailer* li wassalha minn Malta ghal Malta. Ammetta li gieli peress li t-*trailer* ikun ta' John Abela stess huma jghabbuhulu w jerga' jmur bih. Ma kienx jaf jekk effettivament l-ESS kellhiex diversi konsenji f'dan il-*container* partikolari, ghalkemm stqarr li jista' jkun il-kaz. Pero' ma jaqbilx li effettivament il-merkanzija in kwistjoni qatt ma thattet minn fuq il-*container,* anzi jiftakar li effettivament il-merkanzija thattet minn fuq il-*container* u l-*container* rega' tghabba minn rapprezentanti ta' Jet Services Limited.

Spjega li una volta x-xoghol ikun wasal hawn Malta, imur rapprezentant tal-klijent. Jghid li hu jaghti lill-klijent il-pallets li jkunu waslu hawn Malta, jekk huma ssigillati jkunu sigillati. Jekk il-klijent ma joghgbux il-pallet ghandu dritt jiftah il-kaxxi dakinhar, pero' naturalment huwa ma jobbligahx biex jifthu. F'dan il-kaz il-pallet ma nfetahx u zied li l-klijent iffirma li ha l-affarijiet tajbin minn ghandhom u effettivament telaq bihom. Sostana li l-kompitu tieghu jispicca una volta l-merkanzija tkun ingabret. Gie muri ritratti a fol. 35 et sequitur markati bhala Dokument CSH10 u jghid li effettivament dawn huma ritratti tal-konsenja in kwistjoni.

In ri ezami ix-xhud Olvin Galea jghid illi mal-*email* li ntbaghtet lilu minghand l-ESS ma kien hemm l-ebda dokument dwar il-merkanzija li kellha tingabar u sussegwentement qabbad lill-agent tieghu, anzi lis-*supplier* biex jara ezattament fiex kienet tikkonsisti din il-merkanzija biex jghidlu kemm il-pallett ikun se jingabar. Qal illi l-pallets ma jigux imwiezna, pero' naturalment ma tpoggix pallet iktar tqila fuq wahda inqas tqila taht jekk hemm indikazzjoni dwar il-piz u lanqas ma tpoggi l-azzar fuq il-plastik. Mistoqsi jekk ikunx hemm sinjaletika fuq il-pallet, jghid li jekk ikun tqil hafna gieli jkun hemm - pero' dan mhux dejjem.

**Anthony Abela** xehed fl-4 ta' Frar 2015 fejn gie muri dokument rilaxxat minn Jet Services Limited immarkat bhala Dokument CSH 11 a fol 40 tal-process, partikolarment ghat-timbru li hemm fil-parti t'isfel tal-istess pagna u spjega li hemm il-firma tieghu. Huwa spjega li l-procedura hija s-segwenti: meta jkun hemm hafna xoghol li jkun tqil u biex ma jnizluhx mit-*trailer* Jet Services, ma jnizzlux ix-xoghol minn got-*trailer*, ihalluh fit-*trailer* u johduh *transport* biss ghand il-klijent. Ghalhekk huma jgorru t-*trailer* kif ikun. Huwa tenna li lill-*bond operator* jghidlu li x-xoghol ma jkunx rah u huwa jwiegbu billi jghidlu biex imur fuq il-post u jekk ikun hemm xi haga mhux tajba jghidlu biha. Huwa qal illi f'dan it-*trailer* partikolari mhux ix-xoghol ta' din is-socjeta' biss kien fih

pero' spjega li t-*trailer* kien mimli qisu tliet kwarti b'xoghol tal-Jet Services biex johduh ghand l-ESS. Huwa ffirma l-karti kollha li gew moghtija lilu, mar ghand l-ESS u fetah biex jibdew ihottu. Meta bdew ihottu gibdulu l-attenzjoni ghall-*pallet* xrinkjat bl-iswed li fuqu jidher li kien hemm mghobbi xi haga.

Mistoqsi min kien qabbdu biex jaghmel dax-xoghol wiegeb illi ma jiftakarx. Huwa ma jiftakarx peress li kemm is-socjeta' ESS kif ukoll Jet Services huma t-tnejn klijenti taghhom.

**Angelino Abela** xehed fit-13 ta' Jannar 2016 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' John Abela Limited. Spjega li f'dan il-kaz partikolari kellhom ordni sija minghand Jet Services kif ukoll minghand l-agent dirett ta' Jet Services sabiex immorru jigbru xi merkanzija, it-*trailer* taghhom vojt minn Milan sabiex huma jkunu jistghu jghabbu dan it-*trailer* mill-*warehouse* taghhom ta' Milan. Spjega li l-inkarigu taghhom kien li d-*driver* taghhom imur jipparkja taht il-*loading bay*, jiehdu hsieb illi jghabbulu t-*trailer* l-agent ta' Jet Services, huma stess jissiggilawlu t-*trailer* u lilhom jaghtuhom dokument globali dwar il-kontenut tat-*trailer* hlief xi jkun hemm fil-*packaging* perse ma jkunux jafu. Huma jkunu jafu kemm il-pallett biss jitghabbew, il-*packages* u *weight* cioe' dak li jkun dikjarat fuq id-dokument CMR. Sussegwentement huma jsuqu dan it-*trailer* minn Milan sal-port ta' Genova minn fejn jaqbad il-vapur u jigi hawn Malta. Trakk iehor hawn Malta jaqbdu t-*trailer* mill-port u johduh Hal Far fil-*warehouses* tad-Dwana tal-Jet Services. Hemmhekk il-Jet Services qabdu l-burdnar taghhom biex jizvojtaw it-*trailer*. Hafna drabi specjalment f'dan il-kaz ihallulhom ix-xoghol b'xi *pallets* got-*trailer* u jinkarigawhom sabiex huma jiehdu dawn il-pallets direttament ghand klijenti taghhom. Dan il-kaz il-Jet Services hallew xi xoghlijiet hdejn it-*trailer* fosthom ix-xoghol mertu tal-kawza u marru ghand l-ESS fejn huma fethu t-*trailer* u cioe' rapprezentanti tal-ESS u huma jnizzlu x-xoghol. Naturalment huwa d-*driver* taghhom li jifthilhom il-bibien. Huma m'ghamlu l-ebda *handling* ta' dan

ix-xoghol. Trasport biss. Huma r-rapprezentanti tal-ESS li nizzlu x-xoghol fuq it-*trailer* taghhom. Huwa ilu f'dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar hamsa u tletin sena. Gie muri r-ritratti esebiti fl-atti a fol. 29 et seq tal-process. Fir-ritratt in kwistjoni ma jidhirx li hemm x'indikazzjonijiet li l-pallet in kwistjoni mhuwiex pallet normali jigifieri *non stackable*.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami ta' Dr Borg Costanzi spjega li effettivament l-*instructions* li huma nghataw kienu hawn Malta minn Jet Services u minn Milan minn rapprezentant agent taghhom li huwa Sergio Zanzottora. Din il-persuna jafha ghaliex jahdmu maghha kull gimgha ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Filfatt huwa l-agent rapprezentant ta' Jet Services li safejn jaf hu jahdem in kollaborazzjoni ma' Jet Services u naturalment maghhom ukoll fis-sens li jaghtihom l-ordnijiet u huma jesegwuhom. Pero' r-relazzjoni taghhom hija ma' Jet Services. Dawn huma *groupage warehouse* u ghalhekk it-*trailer* taghhom gabar ix-xoghol mill-*groupage warehouse* u mhux mis-*supplier* tal-merkanzija. Mistoqsi jekk ghandux kopja tas-CMR *document* li nghata spjega illi zgur li d-dokument inghata pero' ma jafx. Fuqu mhuwiex fil-prezent. Iprometta li jesebih fis-seduta sussegwenti. Huma jghadduh direttament lil Jet Services. Is-CMR jinghata lid-*driver* u jinzel biha minn Milan. Ikun hemm envelopp issigillat bid-dokumenti u fuqu jkun hemm is-CMR *document* u huma jghaddu kollox lil Jet Services. Hafna drabi d-direzzjoni u l-ordni li nghataw minn Jet Services ikun bit-telefon. Ma jiftakarx jekk effettivament bghattlux *email* ukoll f'dan il-kaz. It-*trailer* in kwistjoni kien wiehed *groupage*. Huwa ma jafx min kien id-*driver* partikolari f'dan il-kaz. F'dan il-kaz il-merkanzija ma rahiex. Huma ma jzommux *filing system* fl-ufficcju dwar dawn id-direzzjonijiet.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami ta' Dr Farrugia Sacco spjega illi f'dan il-kaz sija l-ESS kif ukoll Jet Services talbuhom biex jiehdu x-xoghol

ghand l-ESS. Filfatt ra mill-process u spjega illi s-CMR *certificate* jinsab esebit fl-atti a fol 91.

**Angelino Abela** xehed in kontro-ezami fl-4 ta' Mejju 2016 u mistoqsi min kien inkarigahom biex jigbru l-merkanzija ghas-socjeta' Jet Services mill-bond taghhom barra minn Malta sa hawn Malta ESS qal li ma jiftakarx min kien talabhom biex jigbru l-merkanzija mill-bond ta' Jet Services hawn Malta. Mistoqsi jekk jistax ikun li kienet is-socjeta' diretta ESS li talbithom, spjega illi jista' jkun pero' jkollox jista' jkun f'dan il-kaz. Gie muri dokument fol. 20 f'dal-process u qal li t-trailer number indikat f'dan id-dokument jindika li huwa t-trailer number tal-kumpanija taghhom. Kien hemm okkazzjonijiet meta Jet Services kienet talbithom biex jaghmel xoghol ta' trasport.

**Vince Micallef** xehed in fl-4 ta' Mejju, 2016 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' bond operator ma' Jet Services Limited. Gie muri zewg dokumenti esebiti f'dawn l-atti a fol. 20 u fol. 40 rispettivament. Qal li a fol. 20 hemm indikat it-trailer tas-socjeta' Jet Services. Spjega illi l-klijent huwa ESS u t-trailer huwa ta' Jet Services u fil-fatt kien mikri mingahnd John Abela Ltd.  Ir-trailer huwa 853 bhal dak indikat a fol. 20. Spjega illi x-xoghol effettivament kien wasal ghandhom Hal Far. Mistoqsi jekk ghandux manifest dwar il-merkanzija li waslet permezz ta' dan it-trailer spjega illi le m'ghandux. Ovvjament il-merkanzija in kwistjoni nhattet u nizlet ghandhom. Naturalment il-merkanzija tinzel ghandhom tramite l-burdnar Curmi Brothers. Min iqabbad il-burdnar ma jafx. Zgur li huwa ma jhallsux. Ikun hu li jidderiegi lil Curmi fejn ipoggi l-affarijiet dejjem f'isem Jet Services. Naturalment meta jinzel ix-xoghol ikun hemm manifest u jekk ikun hemm xi hsarat jew affarijiet bhal dawn ikun hemm rimarki tieghu fuq il-manifest. Mistoqsi jekk jistax jipprezenta dan il-manifest spjega li iva una volta jgib il-permess mid-diretturi tieghu kien lest li jaghmel dan fis-seduta sussegwenti.

Fil-5 ta' Ottubru, 2016 xehed **Vincent Micallef** in kontro-ezami u esebixxa bhala Dokument ZZ il-manifest mertu tal-kawza in kwistjoni. Dan gie esebit *animo ritirandi*. Qal li kien hemm ukoll id-*delivery orders* tal-konsenja kollha. Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-atti a fol. 40. B'referenza ghal *delivery order* datata 30 ta' Lulju 2012 bin-numru 019079 li tinsab esebita fil-process, huwa kkonferma li x-xoghol indikat f'din id-*delivery order* effettivament gie rilaxxat minnu u skond il-firma hemm indikata, jidher li r-ricevitur kien Twanny Abela, ID card number 365460. Cahad dak suggerit lilu illi Twanny Abela dakinhar kien qallu li kien hemm xi hsara f'din il-konsenja, u li cio' nonostante hu kellu jaghmel id-*delivery* taghha xorta wahda u mbaghad fil-kaz jinfurmahom. Sostna li hadd ma jirtira x-xoghol minghandhom jekk isiblu xi hsara. B'referenza ghall-istess dokument ZZ, u partikolarment ghal *delivery order* ohra enumerata 019085 datata l-istess jum 30 ta' Lulju 2012, qal li din il-konsenja wkoll giet irtirata minn Twanny Abela tal-istess karta tal-identita'.

Qal li f'dan il-kaz ukoll kellhom jigu rtirati zewg pakketti, pero' meta huwa ghadd il-pakketti sab li gie rtirat pakkett wiehed biss u ghalhekk dan indikah fl-istess *delivery order*. Mistoqsi jiftakarx jekk il-konsenja inkwistjoni kinitx *shrink wrapped* wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-konsenja inkwistjoni hija dik murija fol 35, wiegeb illi effettivament din mhijiex *shrink wrapped* bl-iswed izda bl-abjad, pero' ma kienx f'posizzjoni jghid jekk kinitx l-istess konsenja ghaliex nesa minhabba t-trapass taz-zmien. Mistoqsi jekk jiftakarx il-*pallett* inkwistjoni, qal li llum-il gurnata ma jiftakarhiex. Ikkonferma illi effettivament il-firma ta' Twanny Abela saret fil-prezenza tieghu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Ottubru 2017 (fol. 147).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' John Abela Limitedipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Jannar 2018 (fol. 153).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' Jet Services Limited ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Frar 2018 (fol. 161).

Semghet lill-avukati tal-partijiet rispettivi jirrimettu ruhhhom ghall-atti processwali u appuntu ghan-noti ta' sottomissjonijiet taghhom u dan fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidrat.**

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-klijent taghha is-socjeta' ESS Supplies and Services Limited (vide Dokument CSH8) qed titlob lil din ll-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha is-socjeta' ESS Supplies and Services Limited f'konsenja ta' fittings li gew suppliti lilha f'Lulju 2012 u dan fl-ammont ta' ghaxart elef, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u sitta u sittin centezmu (€10,385.66) rapprezentanti din is-somma il-hsara li kien hemm fl-electrical fittngs li gew kkonsenjati lilha.

Illi dwar l-ammont ma jidhirx li dan gie kkontestat u dan ghaliex l-ammont gie likwidat mis-surveyor tas-socjeta' attrici u cioe' Clint Farrugia fejn sahansitra anke pprezenta is-survey report tieghu (Dok. CF1) bazat fuq l-invoices li gew mghoddija lilu mis-socjeta' assikuratrici.

Illi s-socjeta' konvenuta Jet Services Ltd in poche parole qed tikkontendi li hija s-socjeta' konvenuta John Abela Limited li ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni u dan ghaliex sakemm l-merkanzija kienet taht il kustodja taghha ma kien gie rapportat l-ebda hsara. Waqt li meta in effetti l- merkanzija giet migbura mis-socjeta' konvenuta John Abela Limited u giet trasportata ghal ghand is-socjeta' ESS Supplies and Services Limited jirrizulta li kien hemm

diversi hsarat kif xehed Duncan Agius rapprezentant tas-socjeta' ESS Supplies and Services Limited.

1. Illi bhala fatt jirrizulta li s-socjeta' ESS Supplies and Services Limited kienet qabdet lis-socjeta' konvenuta Jet Services sabiex tigbor il-merkanzija taghha minghand is-supplier taghha AEC Illuminazone Srl gewwa Arezzo sa hawn Malta. Dan il-fatt hu konfermat minn John Galdes fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Frar 2015 fejn jghid li kien gie hekk infurmat mill-klijent taghhom ESS Supplies and Services Limited u kif ukoll minn Duncan Agius d-direttur ta' ESS Supplies and Services Limited fejn ex admisses jghid fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Lulju 2014 li "*f'Lulju 2012, huma kienu nkarigaw lill-kumpanija Jet Services Limited sabiex iggorr konsenja merkanzija konsistenti f'121 light fittings li kellhom jigu Malta mill-Italja…. Il-ftehim kien illi l-merkanzija tingabar minghand is-supplier tas-socjeta' tax-xhud li huwa AEC Illuminazione SRL, tingarr gewwa groupage container u titwassal ghandhom gewwa l-warehouses tal-kumpanija taghhom. Ix-xhud tenna li minn naha ta' Jet Services Limited, huma kienu nkarigaw lill-kumpanija John Abela Limited sabiex tiehu hsieb parti mill-garr in kwistjoni (Dok. DA2).".*
2. Illi jirrizutla li l-merkanzija waslet fl-istores tas-socjeta' Jet Services Limited. Olvin Galea in rappresentanza tas-socjeta' Jet Services Ltd jghid b'referenza ghall-merkanzija ta' Electrical Supplies & Services Ltd li "*x-xoghol gabuhulu u qal li dan (b'referenza ghal Duncan Agius) inkariga s-socjeta' l-ohra (u cioe' John Abela Limited ) sabiex jaghmillu clearance u jigbor ix-xoghol mill-mahzen taghhom sal-istabbiliment tieghu. Ix-xoghol mill-mahzen taghhom hareg tajjeb hekk kif iffirmat mis-socjeta' li huwa qabbad u wara jidher li nqalat xi problema li nstabu xi hsarat*".
3. Illi minghand is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited l-merkanzija ingabret mis-socjeta' John Abela limited u din twaslet s'ghand is-socjeta' Electrical Supplies and Services Limited fejn giet rapportata il-hsara.

Duncan Agius ighid fix-xhieda tieghu li *"l-konsenja kienet ingabret minghand is-suppliers taghhom izda meta waslet Malta fl-ahhar ta' Lulju 2012 (Dok. DA3), skoprew illi diversi pallets kienu mghaffgin minhabba l-fatt li l-istivar tal-groupage container kien sar b'tali mod li tpoggew pallets tqal hafna fuq pallets ohrajn li kienu ehfef u bil-konsegwenza ta' hekk il-pallets ta' taht tghaffgu u l-kontenut garrab il-hsarat*". Izid ighid li "*Meta l-konsenja waslet ghandhom, huma mill-ewwel innutaw li kien hemm il-hsarat minhabba li l-pallets kienu jidhru mghaffgin minn barra. Huma fethuhom u sabu illi minn konsenja ta' 121 LED light fittings kien hemm 20 light fittings li garrbu l-hsarat, … Fil-fatt huma ghamlu notament dwar dan fuq il-cargo receipt (Dok. DA4)."* Illi bhala fatt dan huwa indubitat ghaliex huwa dokumentat.

4. Illi minghand is-socjeta' Jet Services Limited jirrizulta li l-merkanzija ma kellha l-ebda hsara u dan ghaliex skond ma iffrma Twanny Abela l-merkanzija in kwistjoni ingabret in good order condition. Skond l-manifest esebit minn Vincent Micallef fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016 jirrizulta li l-merkanzija giet rilaxxjata favur Twanny Abela ghan-nom ta' John Abela Limited u li dakinhar iffirma ghaliha u ma hemmx indikat li kien hemm xi hsara fil-konsenja. Mistoqsi jekk dan Twanny Abela qallux li ken hemm xi hsara fil-konsenja iwiegeb fin-negattiv u qal li "*hadd ma jirtira x-xoghol minghandhom jekk isiblu xi hsara*".
5. Illi ghalhekk il-hsara giet kagunata waqt it-tragitt li sar hawn Malta mis-socjeta' John Abela Limited ghaliex wara li ngabret in good order minghand Twanny Abela u mehuda s'ghand ESS Supplies and Services Limited gew dokumentati l-hsarat.
6. Illi jirrizulta li t-trailer li gie uzat mis-socjeta' John Abela Limited huwa propjeta' ta' Jet Services Limited pero' l-inkarigu moghti lil John Abela Limited sar direttament minghand ESS Supplies and Services u mhux minn Jet Services Limited. Vincent Micallef jghid li l-merkanzija waslet ghandhom tramite Jet Servies u nhattet ghandhom Hal Far tramite il-

burdnara Curmi Brothers u kien hu li dderiega lil Curmi Brothers fejn ipoggu l-merkanzija f'isem Jet Services. Spjega li "*meta jinzel ix-xoghol ikun hemm manifest u jekk ikun hemm xi hsara jew affarijiet bhal dawn ikun hemm rimarki tieghu fuq il-manifest*". F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda rimarki f'dan l-istadju.

7. Jirrizulta li l-hsarat li kien hemm fuq il-merkanzija giet ravvisata waqt li l-merkanzija kienet ghadha mghobbija fuq it-trailer ta' Jet Services Limited operat mis-socjeta' John Abela Limited kif jirrizulta mix-xhieda ta' John Galdes u mir-ritratti esebiti minnu u mmarkati bhala Dok CSH 10. Ir-ritratti juru li l-oggetti in kwistjoni gew mghaffgin bil-maniera ta' kif gew stakkjati. Duncan Agius jghid ex admissed li "*Meta l-konsenja waslet ghandhom, huma mill-ewwel innutaw li kien hemm il-hsarat minhabba li l-pallets kienu jidhru mghaffgin minn barra*". Ikompli jiddeskrivi l-istat li fiha waslet il-merkanzija ghandu u jghid li kien hemm "*diversi pallets kienu mghaffgin minhabba l-fatt li l-istivar tal-groupage container kien sar b'tali mod li tpoggew pallets tqal hafna fuq pallets ohrajn li kienu ehfef u bil-konsegwenza ta' hekk il-pallets ta' taht tghaffgu u l-kontenut garrab il-hsarat"*

8. Illi s-socjeta' John Abela Limited issostni li in effetti ma kienx gie indikat lilhom li l-oggetti li kienu qed jikkonsenjaw kienu *fragile* u in oltre li ma kienx hemm sinjali li l-pallet kien 'non stackable' kif jindikaw r-ritratti esebiti minn Clint Farrugia a fol 29 tal-process. Pero' minn ezami li ghamlet din il-Qorti jirrizulta li minkejja li l-merkanzija kienet shrink wrapped jirrizulta li fil-merkanzija kien hemm 'light' u li sahansitra fil-kaxex tal-kartun mkien hemm indikat li kien hemm LED, li min-natura taghhom huma oggetti fragli u li qatt ma kellhom jigu stakkjati fuq xulxin. In oltre jirrizulta minn dak li qal Angelino Abela li kienu ilhom jaghmlu negozju ma' din s-socjeta' ESS ghal dawn l-ahhar hamsa u tletin sena u kien ghalhekk li setgha jissupponi li l-merkanzija kienet wahda delikata u *non stackable*. Mistoqsi jekk kellux is-CMR document jghid li ma kellux

fuqu waqt li fix-xhieda tieghu stqarr li jkun hemm hafna drabi li d-direzzjoni u l-ordni li tinghataw lilu minn Jet Services tkun bit-telefon u f'dan il-kaz lanqas ma jiftakar jekk intbghatx lilu xi email. Jaf u jikkonferma li l-merkanzija waslet f'groupage.

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn huma l-fatti li jirrigwardaw il-kaz in desamina u ghalhekk jispetta lill-istss Qorti tara min hu responsabbli ghad-dannui sofferti mis-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' Electrical Supplies and Services Limited.

Is-socjeta' konvenuta Jet Services Ltd issostni li mhix responabbli ghal dawn id-danni stante li dawn gew kagunati waqt li l-merkanzija kienet qed tingarr mis-socjeta' konvenuta John Abela Limited. U mill-provi prodotti dan il-fatt gie provat ghas-sodisfazjon taghha u ghalhekk l-eccezzjoniiet taghha qed jigu milqugha.

Filwaqt li fir-rigward is-socjeta' konvenuta John Abela Limited, din issostni li ma hix responsabbli ghal dawn id-danni ghaliex hija kkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat li waslet u li hija ircevietha. Kif jirrizulta minn dak spjegat aktar 'il fuq dan mhux minnu ghaliex meta is-socjeta' Jet Services irrilaxjat l-merkanzija dik kienet in good condition. Illi in oltre s-socjeta' John Abela Limited issostni li s-socjeta' attrici ghandha tipprova l-merkanzija kienet tappartjeni lill-awturi taghha li fil-fatt dan ghamlitu ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tramite x-xhieda ta' Duncan AGius. Illi fit-tielet eccezzjoni tghid li dan kollu sehh bhala rizultat ta' forza magguri.

Dwar dan il-Qorti taghmel refenza ghall-artikolu relevanti li huwa l-**artikolu 1029 tal-Kap. 16** li jiddisponi s-segwenti:

"*Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara*."

Illi l-gurisprudenza taghna tul is-snin iddefiniet b'mod aktar approfondit dan il-kuncett. Hekk per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet '**Michael Mizzi et vs Tabib Joseph M. Paris et'** insibu s-segwenti:

"*Skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forzamagguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid*-*dilegenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-prevedibilita' trid tkun ta' probabilitajiet ragionevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*. (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)".

Illi f'dik il-kawza citata fejn il-prentenzjoni kienet danni kkawzati minn gharar, d-difiza ta' forza magguri ma ntlaqghatx ghaliex dik il-Qorti deherilha hekk:

"*Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-incident seta gie evitat kieku l-appellanti ghamlu x-xoghol li kien ilu jigi mitlub minnhom mir-residenti*."

Illi sentenza ohra li ezaminat dan il-kuncett kienet **Tabone Computer Centre Limited vs Joe Camilleri**. Il-Qorti qalet hekk:

*"Madankollu, hija regola maghrufa li "perche" l'impossibilita' della prestazione costituisca causa di esonero del debitore da responsabilita', non basta eccepire che la presentazione non possa eseguirsi pel fatto del terzo, ma occorre altresi'dimostrare la propria assenza di colpa con l'uso della diligenza spiegata per rimuovere l'ostacolo frapposto da altri all'esatto adempimento" (Cass. 22.10.1973 (Kaz. Nru. 2688). "l'impossibilita' che estingue la obbligazione o giustifica il ritardo nell'adempimento e' da intendere in senso assoluto ed obiettivo e consiste nella sopravvenienza di una causa non imputabile al debitore, che impedisce definitavamente o temporaneamente l'adempimento dell'obbligazione. Il che puo' evidentemente verificarsi solo quando la presentazione abbia per oggetto la consegna di una cosa determinata o di un genere limitato e non gia' quando di una somma di danaro*"(Cass. 15.17.1968 (Kaz. Nru. 1319))

Illi fis-sentenza **George Farrugia et vs Pacifika Masini noe et** insibu s-segwenti:

Dwar id-dritt Franciz ikkummenta l-awtur Barry Nicholas, "*The decisions of the Cour de cassation reiterate the proposition that force majeure refers to events which make performance impossible, not to those which only make it more onerous'. No doctrine of change of circumstances or economic impossibility or disappearance of the foundation of the contract or frustration of the adventure has been admitted by the civil courts, even in the aftermath of two catastrophic wars..... The impossibility must be absolute. To this the only exception is for contracts involving personal performance. Thus an author who had contracted to write a play by certain date was exempted from liability when a dental operation prevented him from writing for three weeks*". (Pagna 203 mill-ktieb citat f'din is-sentenza).

Illi mill-provi fuq esposti jidher car li dan l-avveniment seta' kien prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza li kieku is-socjeta' konvenuta John Abela Limited kienet aktar attenta bil-mod kif in effetti ghabbiet il-merkanzija sabiex twassalha ghand id-destinatarju taghha is-socjeta' ESS.

**Ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti filwaqt li qieghda tilqa' it-talba attrici qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta John Abela Limited sabiex thallasha s-somma mitluba minnha fir-rikors promotur taghha u cioe' l-ammont ta' ghaxart elef, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u sitta u sittin centezmu (€10,385.66) u dan ghaliex fil-fehma taghha hija unikament responsabbli ghal hsarat sofferti minnha. Il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited fis-sens li ma hix responsabbli ghal dawn il-hsarat.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjeta' John Abela Limited u l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors promotur lis-socjeta' John Abela Limited.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**